# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Spettur Charlotte Curmi**

Vs

**Brian Spiteri**

**Kawza: Kollizzjonijiet**

**Illum:30 ta' Ottubru 2023.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Brian Spiteri ID 149068(M) bin Joseph u Rosina nee Camilleri imwieled fil-31/03/1968 u joqghod 46, Claddagh, Fl1, Triq l-Gharghar, 1979, Qormi talli fil-21 ta' Gunju, 2021

ghall-habta ta'08:45 hrs fi Triq San Geraldu San Pawl il-Bahar soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni HBP 816.

1. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
2. U talli soqt l-imsemmija verrur b'manjiera perikoluza.
3. U talli soqt l-imsemmija vettura  b'manjiera bla kont.
4. U b'nuqqas ta' hsieb , bi traskuragni , jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tiehu , jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta` Sebastiano Greco minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr C Refalo MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda.

Rat l-artikoli Kap 65 Art 15 (1)(a)(2) , Kap 9 Art 226 (1) (b) , LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 sitt Skeda tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2022 intalbet korrezzjoni fir-raba imputazzjoni u l-isem Sebastiano Grech isir Sebastiano Greco. Il-Qorti awtorizzat tali korrezzjoni u l-imputat kien notifikat bl-atti kif korretti fl-istess udjenza.

Sebastiano Greco ikkostitwixxa ruhu bhala parte civile.

Giet nominata Dr Roberta Bonello bhala interpretu mill-Malti ghat-Taljan u vice versa.

Semghet ix-xhieda prodotta mill Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezibiti.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawza kienet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>Sebastiano Greco, xehed hekk:</u>**

Pros: X`inhi l-kariga tieghek x`taghmel xoghol qabel gara l-incident?

Xhud: Jahdem bil-magna tal-Conrete.

Pros: Isuq xi haga tinvolvi dil-magna tal-Concrete?

Xhud: Isuq dil-magna fejn hemm il-pompa.

Pros: Waqt li kont xoghol kellek xi incident b`dat-trakk li semmejtilna? Spjegalna meta kif u d-dinamika tal-incident?

Xhud: il-21 ta` Gunju 2021.

Pros: Fejn kont sinjur?

Xhud: Fid-9.15 ta` filghodu gewwa St. Pauls Bay wasal it-trakk mixer b`Ryan.

Pros: Fejn tafu lir-Ryan?

Xhud: Jahdem kollega tax-xoghol tieghu.

Qorti: Min hu Brian qed jarah fl-awla?

Xhud: La.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Xhud: Wasal fuq il-post tax-xoghol ghamel sinjal,

Qorti: Min ghamel is-sinjal?

Xhud: Brian beda jirriversja beda gej jirriversja beda jaghmillu s-sinjal biex jibqa gej gej gej.

Qorti: Min ghamillu?

Xhud: Jien ghamilt l-indikazzjoni biex jibqa gej.

Qorti: Gej kif?

Xhud: Biex jigi b`lura biex jasal ukoll fuq il-post fejn kien hemm ix-xoghol.

Qorti: Jaf x`numru kellu dan il-Concrete mixer x`numru kellu?

Xhud: Bl-amment le.

Pros: Tieghu jafha?

Xhud: Bl-amment lanqas ma ftakarx in-number plate tieghu.

Qorti: Igifieri hu kien gej b`ingenju iehor hemmekk?

Xhud: Mela hu kien qieghed fuq il-post tax-xoghol bit –trakk li jsuq li ghandu pompa tas-siment tal-Concrete pero umbaghad hareg mil-vann wasal Brian fuq il-post tax-xoghol beda gej bir-reverse u beda jaghmillu s-sinjal biex jigi bir-reverse.

Pros: Igifieri fejn kien dak il-hin u fejn kien Brian?

Xhud: Hu kien barra it-trakk beda jaghmillu s-sinjal bex jigi umbaghad qallu biex jieqaf meta wasal fuq il-post qallu biex jieqaf.

Pros: It-trakk tax-xoghol?

Xhud: Mar fuq wara tat-trakk ta` Brian ghax kien wieqaf u merta mar fuq wara laqtu meta mar fuq wara laqtu t-trakk.

Qorti: Rega beda jirriversja?

Xhud: Meta qallu stop waqaf it-trakk hu mar fuq wara ghax it-trakk ma kellux ikompli jimxi imma rega mexa b`lura.

Pros: Ha naghmel referenza jekk joghbok ghall-iskizz spjega il-Qorti ghamlilna sinjal liem hu it-trakk tieghek liem u t-trakk ta` Brian u fejn kienu?

Xhud: Qieghed jimmarka bl-inzjali ta` ismi tieghi liema kienet il-vettura tieghi li ggib in-numru GBO 891 fuq l-iskizz u dik ta` Brian li ggib in-numru HBP 816 fuq l-iskizz.

Pros: Jekk jogghbok jindikalna ukoll fejn gara l-incident u fejn kien dal-manuvri li beda jghid?

Xhud: Meta jiena bdejt naghmillu s-sinjal jiena kont fil-genb ghamel Salib, kien qiegehd fil-genb u hu kien qieghed got-trakk u beda jara mil-mera tal-genb, meta waqaf jiena mort fin-nofs ha jaghmel sinjal cirku meta kien wieqaf u laqtu,

Pros: Malli waqaf it-trakk is-sur Brian fejn kien?

Xhud: Malli waqaf it-trakk jiena ersaqt fil-genb tat-triq fejn kont ghall gon-nofs,

Qorti: Le hi qed tghidlek ghall-Brian.

Xhud: Brian kien gewwa t-trakk.

Pros: Inti sinjali b`idejk bdejt taghmillu?

Xhud: Jiena bdejt naghmel is-sinjal u nghid vai ejja,

Qorti: Sinjal b`idejh?

Xhud: Sinjal b`idejh u beda jghid ejja ejja.

Pros: Umbaghad x`gara?

Qorti: Wegga jew le?

Xhud: Mela hu ghaffigni kontra t-trakk l-iehor umbaghad in-nies bdew jaghjtu Brian mar il-quddiem u hu waqa` ma l-art u

qabbdu, ghandu kollox maghffeg qed jghidli ghandu siequ maghffga mussels legaments.

Qorti: Ta` liem sieq?

Xhud: Tax-xellug taht l-irkoppa mil-irkoppa l-isfel.

Pros: Kemm domt nieqes mix-xoghol?

Xhud: Sena u nofs b`kollox.

Pros: Dak il-Brian qallek xi haga?

Xhud: Le ma jiftakar xejn  ghax qabbdu hass hazin u ma jiftakar xejn, mal-incident qabdu hass hazin u ma jiftakar xejn.

Qorti: Qabel l-incident Brian nizel mit-trakk u rega telgha jew ma tafx x`gara?

Xhud: Le.

Pros: Kemm dam l-isptar?

Xhud: Iktar minn xahar bejn wiehed xahar u nofs.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu: Yes please, mela naqblu li dawn kemm it-trakk li kont qed issuq int kif ukoll it-trakk li kien qed isuq Brian huma zewg ingenji kbar hafna?

Xhud: Iva naqbel.

Avu: Naqblu ukoll illi meta il-mutur tat-trakk f`dal-kaz it-trakk ta` Brian ikun mixghul jikreja certu hoss certu storbju li huwa storbju pjuttost qawwi?

Xhud: It-trakk ma jintefiex kien diga mixghul.

Avu: Pero d-domanda hi,

Qorti: Jaghmel certu ihoss pjuttost qawwi il-magna?

Xhud: Iva jaghmel il-hoss.

Avu: Issa naqblu ukoll li dak in-nhar f`dal-post partikolari kien ha jinghata il-konkos u ghalekk kien hemm l-ingenju li kien qed isuq hu li kienet pompa tal-konkos?

Xhud: Iva naqbel.

Avu: Naqblu li biex isir hekk it-trakk ta` Brian irid javvicina kemm jista lit-trakk li kien qed isuq is-sur Greco biex l-arm tal-pompa tkun tista twassal ghat-trakk ta` Spiteri?

Xhud: Naqbel.

Avu: Naqblu li inti kont fuq il-post wasalt fuq il-post qabel Brian?

Xhud: Naqblu.

Avu: Issa naqblu li hekk kif wasal Brian Spiteri fuq il-post intkom tkellimtu jew ikkomunikajtu b`xi mod bejnietkom u fthemtu illi inti kont ha tidderiegi lil Brian sabiex hu iregga lura?

Xhud: Naqbel ghaliex meta hu jigi jien naghmillu s-sinjal biex jersaq lura.

Avu: Ok gifieri inti f`dak il-mument kont taf u kont sapevoli tal-fatt illi Brian kien miexi kien isuq b`lura?

Xhud: Iva x-xoghol tieghi.

Avu: Ok, issa meta inti kont qed tidderiegi l-Brian biex jimxi lura fejn ipposizzjonajt ruhek vizavi l-genb tat-trakk?

Qorti: Nahseb ghamillek l-X fil,

Avu: Ma nafx,

Qorti: Mela ghaddi l-isketch fejn ghamel X biex tara d-dottoressa jekk tirrispondix id-domanda tieghek gahx l-X qed jghid fejn kien meta kien qed jaghmel is-sinjali hekk fhimt sew, mela dik il0haxwixa hi l-X ta` fejn kien fil-kaz ghamel X fuqha.

Avu: Ok orajt, issa spjegajtilna illi inti kont qed tagheml sinjali lil Brian Spiteri li ghandu jibqa jigi b`lura umbaghad inti f`mument minnhom inti ghedtlu biex jieqaf?

Xhud: Naqbel.

Avu: Ok, inti kif assikurajt ruhek illi Brian Spiteri kienqed jifhem l-istruzzjonijiet li kont qed ittih la kien hemm hafna storbju bil-magna tat-trakk?

Xhud: Ghaliex jiena naghmel dan ix-xoghol hal-20 sena u bis-sinjali ahna generalment ahna nifhmu lil xulxin.

Avu: Ok pero jiena li saqsejtu kif assikurajt ruhu illi f`dan il-kaz partikolari Brian Spiteri kien fehem l-istruzzjoni li tah?

Xhud: Ghaliex it-trakk waqaf.

Avu: Ok, issa igifieri inti jekk qed nifhem tajjeb bir-risposta tieghek inti ma tafx jekk Spietri fehem l-istruzzjoni li tajtu int inti assumejt li fehem ghaliex skond int waqaf?

Xhud: Iva imma ghax anka ahna nharsu lejn xulxin mil-mirja.

Avu: Ok, kemm hu twil dan it-trakk?

Qorti: Liem wiehed li kien qed isuq Brian?

Avu: Ta` Brian?

Xhud: Bejn wiehed u iehor 12 il-metru ta` Brian.

Avu: U il-kabina fejn ikun bilqeghda x-xufier kemm hija gholja mit-triq?

Xhud: Trakk kbir.

Qorti: Ix-xufier fejn ikun li kien qed isuq Brian on the left or on the right? Hdejn l-ittra D jew hdejn l-ittra E fl-isketch? Ghamel marka triangle.

Xhud: Ghamel Cross sinjura hdejn id-D fuq ix-xellug.

Avu: Issa inti ghedtilna illi skond int f`mument minnhom Brian Spiteri waqaf?

Xhud: Iva meta jien ghedt Stop huwa waqaf.

Avu: Nifhem illi li hu sakemm gara l-incident hu qatt ma hareg mil-kabina tat-trakk u lanqas ma tefgha il-magna tat-trakk?

Xhud: Iva.

Qorti: Domanda l-ingenju li kienqed isuq Brian dik tibqa mixghula biex isir it-transfer tas-siment jew x`inhu minn magna ghall-ohra?

Xhud: Iva.

Avu: Naqblu illi dan it-trakk huwa maghmmar b`reverse lights u b`hoss ta reversing?

Xhud: Iva.

Avu: Issa,

Qorti: Il-magna trid tibqa mixghula ghax irid idur il-haga ta` wara?

Xhud: Il-Concrete irid idur.

Qorti: Dawn huma zewg magni separati kif inhi I mean biex iddur dik tas-siment tista tkun nassumi trid tkun tista tkun wieqfa il-karozza l-ingenju?

Xhud: Iva it-trakk jibqa mixghul.

Qorti: Iva imma ovvajament l-ingenju jieqaf b`xi mod xi haga irid isir ma nafx kif tahdem is-sistema m`ghandix idea xi haga irid ikun hemm?

Xhud: Manwalment Brian igelghu jdur, hemm starter li jqabbad ir-redimix.

Qorti: Igifieri m`ghandux x`jaqsam mal-magna tal-karozza?

Xhud: Ghandhom gixx muturi, jidhirli li t-trakk ta` Brian irid jibqa mixghul biex tahdem ukoll il-pompa ta` wara.

Avu: Naqblu igifieri inti qed tghid li t-trakk irid ma nahsibx li irrisponda id-domanda ta reverse lights u hoss?

Xhud: Iva hemm.

Avu: Ok, issa inti qed tghid li t-trakk irid jibqa mixghul naqblu illi ix0xufier once li jwaqqaf it-trakk johrog mil-kabina tat-trakk m`ghandux ghalfejn jibqa fil-kabina waqt li ssir l-operazzjoni tat-tqeghid tal-konkos?

Xhud: Iva irid johrog mit-trakk meta ikun wieqaf.

Avu: Issa la Brian ahna stabbilejna illi meta gara l-incident kien ghadu fit-trakk fil-kabina tat-trakk ghalfejn inti f`dak il-mument iddecidejt li tinfilza ruhek bejn izzewg ingenji meta kont taf illi x-xufier kien ghadu fil-kabina?

Xhud: Jiena rajt illi t-trakk huwa waqaf u mort fin-nofs gahliex ovvjament inkun naf li Brian ha jinzel.

Avu: Naqblu li jkun iktar prudenti li kieku inti assikurajt ruhek illi ix-xufier kien ha jinzel mit-trakk u umabaghad inti tinfilza ruhek bejn iz-zewg trakkijiet.

Avu: Meta jiena nghid Stop generalment it-trakk jieqaf mhux generlament sinjura meta jiena naghmel is-sinjal tal-Stop it-trakk jieqaf u jien immur fin-nofs.

Avu: Pero dik mhiiex id-domanda, id-domanda hi mhuwiex iktar sigur illi inti tistenna li x-xufier johrog mit-trakk dan qed nitkellmu ta kwistjoni ta` sekondi ta igifieri m`hemmx ghalfejn tistenna xi siegha li johrog mil-kabina biex inti tkun taf illi ix-xufier mhux ha jiccaqlaq iktar mil-posizzjoni li qieghed umbaghad inti tinfilza ruhek bejn dawn iz-zewg ingenji?

Xhud: Jiena meta nghid Stop dejjemmhekk jigri u dejjem hekk naghhmlu.

Avu: Naqblu li it-triq fejn kien qed isir ix-xoghol ma kienetex witgha imma kienet inklinata?

Xhud: Iva naqbel.

Avu: U kienet inklinata fid-direzzjoni tat-trakk tal-pompa tieghek?

Xhud: Iva.

Avu: Xejn iktar.

Qorti: Re-Ezami?

Avu2: Iva, kemm ilha ssir il-procedura li spjegaln kienetx l-ewwel darba jew kien hemm drabi ohra?

Xhud: Mela ilu jahdem 20 sena ma Brian iktar minn sena u nofs.

Avu2: Daqsekk sinjura.

T-Tabib Dr Carlo Refalo xehed permezz ta' Affidavit

PS 900 S Mifsud xehed permezz ta' affidavit dwar l-involviment tieghu fil-kas odjern.

**Ikkunsidrat**

Jidher car li l-parte civile assumiet li l-imputat kien fehem li l-istess parte civile kien ser imur bejn l-ingenji u fil-fatt il-parte civile marret bejn l-ingenji u sehh l-incident.

Din sitwazzjoni ta' ingenji kbar u livell kbir ta' hsejjes kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess parte civile u ta' vizwali ristretta hafna. F'dawn ic-cirkostanzi il-prudenza trid li tkun cert li Brian Spiteri fehem l-istruzzjonijiet tieghek u biex tkun cert minn dan Brian Spiteri kellu jinzel mill-vettura HBP 816 u f'dan il-mument biss l-parte civile tmur wara l-ingenju misjuq minn Brian Spiteri.

Rigwardanti kwalsijasi dikjarazzjoni ta' Brian Spiteri lil PS 900 S Mifsud, din inghata minghajr it-twissija li ghandu dritt jikkonsulta avukat jew twissija li ghandu dritt li ma jitkellimx jekk jahseb li jista' jinkrimina ruhu. Stante li dawn it-twissijiet ma inghatawx, kwalsijasi dikjarazzjoni mhux ser tittiehed in konsiderazzjoni.

F'dawn ic-cirkostanzi ma hemmx l-livell ta' provi rikjest fil-kamp kriminali.

## Decide

Ghaldaqstant ma ssibx lil Brian Spiteri hati ta' l-ebda wahda mill-imputazzjonijet u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**